# L-Għaddas

Alex Vella Gera

B'sengħa kbira t-tfajjel jaqbeż għal rasu mill-pjattaforma tas-siment. Il-baħar jibilgħu u mill-blat għajnejn nanntu jiflu wiċċ l-ilma sakemm jerġa' jitfaċċa l-ballun ċkejken ta' rasu, 'il bogħod mhux ħażin mill-art. Jerġa' jogħdos u saqajh jidhru għal ftit sekondi, ippuntati 'l fuq, huma biss fil-wiċċ, qabel ma jgħibu taħt il-liżar lixx u skur tal-baħar.

"Alla jbierku," tgħid is-sinjura bilqiegħda fuq il-blat qrib in-nanna tat-tfajjel għawwiem.

"Kulħadd jistagħġeb. Madonna qisu ħuta."

"Alla jbierku."

Aktar tard, xagħru mxarrab imwaħħal ma' moħħu, idejh samranin jiggranfaw ma' ħobża biż-żejt li bħal ġebla mdaqqsa bil-mod tiċkien u titgerrem fl-idejn ċkejkna tat-tfajjel, u meta taqa' biċċa tadama mal-art f'leħħa ta' berqa jinżel kokka għaliha u jitfagħha f'ħalqu. Nanntu, aljenata tferra' l-luminata fit-tazzi tal-plastik, ma tara xejn ... mhux bħall-mara l-oħra, dik is-sinjura bilqiegħda qribhom.

"Ara x'inti tagħmel pupu! Tikolx mill-art!"

"X'għamel?" iddur in-nanna minnufih u t-tfajjel jaħrab jiġri, bil-ħobża f'idu, ħalqu mbulmat minn gidma ħobż biż-żejt. Is-swaba' ppuntati ta' saqajh ħafjin jiġġebbdu minn blata għal blata.

"Kenneth! Qalbi!!! Ejja 'l hawn ħi!"

Wara ftit Kenneth jobdi u jħalli 'l nanntu tfarfar minn ma' wiċċu l-frak tal-ħobż inkallat biż-żejt. B'servjetta timsaħ it-truf ta' xofftejh.

Jerġa' jaqbeż. Did-darba bomba. Għal mument ġerrej isir ħaġa waħda maċ-ċuff kbira li triegħed il-baħar bħal daqqa ta' ponn fl-istonku. Fil-qiegħ iżomm ma' blata biex ma jitlax, biex jara kemm jista' jdum hemm taħt mingħajr ma jieħu nifs. Lura fil-wiċċ idawwar rasu lejn l-art fejn jilmaħ lil nanntu ċkejkna ċkejkna xxejjer id waħda u tgħajjatlu; diġà liebsa, lesta, niexfa, il-mejda blu tal-plastik mitwija u mistrieħa mal-blat. Iżda hu taparsi ma jindunax biha. Ġismu jitqal u jinżel lura taħt il-wiċċ lejn dik il-blata fil-qiegħ.

Il-ġisem ċkejken u rqiq jitgħatta mix-xugaman ċelesti, u l-ġilda pura, nadifa, tiegħu, bil-kustilji kollha jidhru, tinxef malajr.

"Isa," tgħidlu nanntu. "Issa llejla mmorru naraw in-nar."

****

It-tlellix tan-nar bħal ġiżirana ġojjelli madwar għonq il-qamar, kullana splużjonijiet ħfief li jintemmu bl-aħħar BUUM bħal daqqa ta' ponn fl-istonku tas-sema. Mix-xatt josserva kif għal mument qasir id-dawl jiċċappas ma' wiċċ il-baħar li, bħal-lejl, huwa wisq profond biex id-dawl u l-isplużjonijiet jippenetrawh.

****

Ta' ħdejja daħħlet qattus. Meta taqflu barra fil-gallarija jibki b'determinazzjoni liema bħalha. Noħroġ jien ukoll fil-gallarija tiegħi, li tiġi biswit tagħha, u ngħajjatlu dal-povru qattus ġinġer b'ċappa bajda ma' żaqqu.

"Ttttt. Ttttttt. Issa tiftaħlek. Tibża' xejn."

Inħoss bżonn qawwi li nwennsu. Hu ma jagħtix kasi ħlief biex jiċċassa 'l fuq lejja u jkompli jgħajjat.

"Mnjaw! Mnjaw! MINNIJAAW!" għajta li peress li issa hija indirizzata lejja, għandha iktar saħħa, hija iktar determinata, iktar ta' qsim il-qalb jekk trid.

Jeħodli rasi bil-krib tiegħu dal-qattus u nagħlaq il-bieb tal-gallarija. Issa, magħluq ġewwa, imċaħħad minn dik iż-żiffa plaċida minn barra, saqajja ħafjin itaptpu fuq il-madum waqt li nippassiġġa madwar il-kamra, sakemm, b'leblieba ġdida nilbes il-malja, biċċa qmis u l-karkur, naqbad ix-xugaman, u noħroġ mill-flat fgat bis-sħana. Isfel fit-triq nerġa' nisma' mill-gallarija fuq rasi l-qattus jgħajjat, u sakemm nasal sal-kantuniera nkun ħallejtu warajja. Nimxi bil-galbu lejn ix-xatt, il-karkur itaptap ma' qiegħ saqajja u mat-triq.

****

Inħejji ruħi ma' tarf il-pjattaforma fejn il-ponot rotob ta' subgħajja jħokku mal-ebusija ħarxa tas-siment. Nitfa' ħarsti taħti, lejn il-baħar, għajni f'għajnu, u wara li niġbed nifs 'il ġewwa naqbeż għal rasi. Għal mument il-likwidu kiesaħ jaħsadni. Splużjoni ta' ilma madwari u l-arja u l-ħsejjes isiru ilma u skiet, minn dinja għal dinja. Ngħum taħt il-wiċċ għal ftit, niġġebbed 'l isfel sal-qiegħ, u nieqaf hemm, imdendel fl-ispazju. Imbagħad nimbotta b'saqajja lura 'l fuq. Jiena u tiela' nara d-dawl tax-xemx rifless fuq iż-żaqq ratba tal-baħar mifruxa fuq rasi. Inħalli ġismi jeħfief u jitla' waħdu. Tiżvela ruħha għal darb'oħra d-dinja tal-ħsejjes, il-fewġa friska mal-ġilda mxarrba, l-ilħna u l-għajjat tat-tfal fil-bogħod, u l-ajruplan għaddej fis-sema bħal ħuta ħafifa tal-fidda.

Imbagħad ngħum 'il barra bis-saħħa sa kemm nieqaf u ndur fuq dahri. Nara n-nies ċkejknin fuq il-blat, nisma' t-twerżiq tat-tfal jaqbżu mis-siment, u madwari l-baħar skur u fond, jilqagħni sa għonqi, jilgħaq geddumi, u jħokk u jiżloq ma' ġildi tleqq.

Għal ftit minuti nibqa' wieqaf fuq dahri, stendut fuq il-wiċċ, u b'għajnejja magħluqa nerħi ruħi għall-kurrent u l-baħar kalm jagħmel bija li jrid. Minn wara l-kpiepel t'għajnejja x-xemx xorta tisreġ u nara l-aħmar, l-aħdar, roża, dawl abjad profond mingħajr truf.

U kien f'dak il-mument meta nblajt mill-bjuda ta' wara għajnejja li ġietni tifkira li ma fhimtx mill-ewwel, jekk ġrat jew kienet biss idea, jew forsi ħolma li ħlomt.

****

Ir-radju fil-kċina jinstema' anke minn kamartu fis-sular ta' fuq. Jaqbeż għal rasu fis-sodda u jilgħab, taparsi qed jgħum b'kemm għandu saħħa 'l barra mix-xatt. Qed jgħum san-naħa l-oħra, qed jaqsam il-fliegu. Iżda meta jasal f'nofs il-baħar jaqbduh dawk il-misħutin krampi. LE! Krampi le! Jitgerbeb lejn tarf is-sodda u jħalli ġismu jaqa' mal-art. Ġildu tixrob mill-ksieħ tal-madum. Jibqa' stendut għal ftit mumenti, mingħajr ma jitħarrek, bilkemm jieħu nifs, imbagħad iqum, joħroġ mill-kamra, jinżel it-taraġ, u joqrob lejn il-leħen eċitat tal-mara tar-radju. Fil-kċina, fejn kien qed jistenna li jsib in-nanna, m'hemm ħadd, ħlief ir-radju jitkellem waħdu, u l-friġġ titgedwed waħidha t-thewdin tas-soltu tal-magna tagħha. Jerġa' jitla', inkiss inkiss, it-taraġ sa fuq, sal-kamra tas-sodda l-kbira, fejn jittawwal mill-bieb imbexxaq u jaraha rieqda, mitluqa fis-sodda, in-nanna, bil-fann jagħti fuq rasha. Lanqas jissogra jieħu nifs, mhux iqajjimha, u mill-bieb jisma' n-nifs tagħha, ġej u sejjer, mill-profondità tal-kamra mudlama, mewġet baħartha ġejja lejh mill-fond ta' ħolmitha.

Lura f'kamartu jinża' x-xorz u jilbes il-malja. Jaqbad ix-xugaman imdendel fil-kamra tal-banju u jinżel isfel. Jipprova jiftaħ il-bieb ta' barra. Idu tiġġebbed 'il fuq biex tilħaq iċ-ċavetta. Jirnexxilu. Jagħti ħarsa waħda lura, kważi kważi jistenna li jara lil nanntu nieżla t-taraġ, irrabjata, iżda ma tidhirx u jagħlaq il-bieb warajh, kemm jista' jkun bil-mod, bħall-bieb tqil ta' kastell. Imbagħad idur lejn id-dinja l-kbira, dik ta' barra, u jitlaq bil-mod lejn ix-xatt u l-baħar.

Għal tfajjel ta' sitt snin id-dinja ta' barra hija bħal zija mhux magħrufa, oħt il-*mummy*, tewmija li qatt ma rajt qabel, u li f'daqqa waħda tiġi żżurkom mill-Awstralja. Hemm xi ħaġa familjari fiha, iżda r-riħa ta' ġisimha hija stramba, u l-ħarsa f'għajnejha mhijiex tal-*mummy*, u meta tmur biex tferragħlek il-Coca jimbuttak il-mod kif iċċaqlaq idha. L-istess id-dinja ta' barra: familjari, għax mexa dit-triq mid-dar tan-nanna sax-xatt kemm-il darba, iżda ġdida wkoll, għax mingħajr il-kappa tad-dell tan-nanna miexja miegħu maġenbu, din il-mixja ma tibqax l-istess u ssir waħda twila miżgħuda b'ħafna perikli. Kull kantuniera jistaqsi lilu nnifsu jekk miexi tajjeb, u ta' sikwit iħares wara dahru, lest li jara 'l nanntu ġejja tiġri għalih, idejha mġebbdin lejh. Kull persuna li jara jistħajjilha ġejja għalih, biex tieħdu lura.

Jifrex ix-xugaman fuq il-blat, bħalma jagħmlu l-kbar, fl-istess post fejn is-soltu joqgħod man-nanna. Kull għemil huwa meqjus, ma jridx jidher barra minn postu, tfajjel mitluf, allura jirreċta li mhuwiex. U meta jħares 'il barra lejn il-firxa tal-baħar iħossu sodisfatt minn ġewwa. Mal-baħar ma jħossx il-bżonn li jirreċta. Fuq il-pjattaforma tas-siment, qabel ma jaqbeż għal rasu fil-baħar frammentat mit-tixjir ta' dirgħajn u ċ-ċaflis ta' wisq nies, jagħti l-aħħar ħarsa lura, għadu konvint li se jaraha lin-nanna, riesqa, għal darb' oħra ċċekkinlu d-dinja. Iżda ħadd mhu ġej lejh. Ħadd mhu qed jagħti kasu. Jieħu nifs 'il gewwa, l-arja tbusu, jinqata' mill-art, u d-dinja tinqeleb ta' taħt fuq. Rasu tippenetra wiċċ il-baħar u l-għajjat u l-ilħna jintfew bħan-nefħa li titfi l-fjamma ta' suffarina.

U jiena, wieqaf fuq dahri, f'nofs dak l-istess baħar, niftaħ għajnejja u ħlief il-bjuda taqli tax-xemx ma narax. Dik hija memorja krudili, li telgħet fil-wiċċ. Dak it-tfajjel kiber, iżda l-post l-istess baqa', bejn wieħed u ieħor, ħlief għall-bini mat-triq tax-xatt, li waqa' u reġa' tela', imwieled mill-ġdid, ittrasformat f'torrijiet tal-ħġieġ u l-azzar, u l-baħar m'għadux jidher daqshekk kbir u jleqq, iżda mostruż u monotonu. Nogħdos għal darb' oħra u meta nerġa' nitla' diġà qed ngħum lura, b'saħħti kollha, lejn l-art, lejn dik l-istess blokka siment ta' tletin sena ilu.

Ma nistax ngħid li minn mindu gejt noqgħod fil-flat tan-nanna nbidlu xi affarijiet kbar f'ħajti, għax il-bidla kienet diġà seħħet qabel. M'għadnix inħoss dik l-għafsa f'qalbi kull meta ngħaddi minn xi post li jfakkarni f'Eva.

Nista' nimxi saħansitra minn quddiem is-Surfside u nħossni kburi li ħallejt warajja perjodu minn ħajti kemm kemm imċajpar, żmien mhux ta' niket iżda ta' nuqqas. Għax kien is-Surfside li konna ltqajna l-ewwel darba, jiena u Eva, u sakemm infridna erba' snin wara, sena ilu biex inkun preċiż, ma qattajniex iktar minn jumejn f'daqqa imbegħdin minn xulxin. Inħossni donni rġajt tlajt fil-wiċċ wara għawma twila u stupenda fil-profonditajiet imdawla ta' baħar misterjuż, u għajnejja m'għadhomx jaħarquni mill-melħ ta' dik l-esperjenza. U hawn jien, għal darb'oħra mikxuf għar-raġġi tax-xemx, qed ninxef, serħan kalm jidwi f'demmi.

Ma kienx hemm post aqwa mill-flett tan-nanna fejn stajt erġajt drajt il-ħajja l-ġdida tiegħi, lura Malta, indipendenti u ħieles. U xi kultant naqbad lili nnifsi miexi fit-triq fejn darba kienet tinsab id-dar l-antika tan-nanna, li twaqqgħet snin ilu, fejn kont inqatta' s-sjuf tiegħi u fejn bil-mod kbirt. Nieqaf quddiem il-blokk fletts li tela' minflok il-faċċata klassika, u nagħmel ħilti kollha biex inġib quddiem għajnejja d-dar kif kienet, u lili nnifsi ħiereġ mill-bieb, nagħlaq il-bieb warajja, in-nanna tittawwal mill-gallarija tal-injam, tgħidli noqgħod attent, u jiena għal għonq it-triq, 'il fuq lejn il-growser, jew 'l isfel lejn ix-xatt u l-gabbani jfuħu biċ-ċipps u l-bergers. Xi drabi jirnexxili nsawwar mill-ġdid dawk ix-xbihat, anke jekk biss fil-gass tat-tifkira. Xi drabi le. Il-passat mhux dejjem ktieb miftuħ. Anke tiegħek stess.

Forsi ġrajjiet li jseħħu fid-dinja tal-memorja huma biss il-fwar ħiereġ minn borma li l-ilma tagħha evapora kollu u n-nar għadu għaddej taħtha. Xbihat jieħdu suriet differenti, żminijiet jinqelbu ta' taħt fuq u jitfixklu f'xulxin. Issib ruħek ta' tnax-il sena liebes qalziet li kellek ta' sittax, u taħt dik il-qmis fantażma li kienet xtratlek iz-zija għall-Griżma tal-Isqof issib sider raġel ta' sitta u għoxrin, jew il-ġilda mkemmxa ta' xiħ li għad irid jieħu l-forma. U inti u tipprova tpinġi fuq it-tila mudlama tas-saqaf ta' moħħok il-wiċċ ta' dak it-tfajjel ċkejken issib li minflok qed tpinġi wiċċ xi ħadd ieħor, xi ħadd li m'għadux tifel. Fl-erbgħa ta' filgħodu, fid-dlam, fis-sodda waħdi, jiġuni dawn il-ħsibijiet, ileqqu fidda mċajpra taħt il-wiċċ bħal ħutiet li ma taqbadhomx għax jiżgiċċaw minn bejn it-truf. Fl-erbgħa ta' filgħodu, qabel ma jasal iż-żerniq u jqattar dawlu minn bejn il-purtieri, tmur għajni bija u ninżel taħt il-wiċċ mal-ħut, nissawwar mill-fidda ta' ħolmti u nsir iktar reali.

U xi kultant ukoll nilmaħ waħda xiħa b'wiċċ familjari għall-aħħar miexja lejja fuq il-bankina dejqa. Meta naslu wiċċ imb'wiċċ hi tinħasad għaliex wiċċi wkoll huwa familjari għaliha ... u min jaf kif tarani? Tagħrafni? Jew forsi ma tiftakarnix, għaliex jinbidlu wisq it-tfal meta jsiru rġiel u ma jibqgħux l-istess

persuna. Iżda, min jaf, forsi t-tfajjel għadu ħaj, għadu tfajjel f'għajnejha, f'moħħha, fil-memorja tagħha. Il-ħasda tagħha tagħtini x'nifhem li hekk hu. M'aħniex barranin għal xulxin. U forsi meta tara kemm kiber dak it-tfajjel u f'erba' sekondi tqabbilni ma' binha, jew mat-tfal ta' ħutha, u tikkonferma li jiena jien, li t-tfajjel sar raġel, u li d-dinja xjaħet, sa dan il-waqt jiena nkun bqajt miexi, u nkun għaddejt minn quddiemha u nkun tajtha dahri u t-tislima tiegħi tibqa' biss ċaqliqa imperċettibbli ta' xufftejja li hi qatt ma tara.

Il-flett fejn kienet daħlet tgħix in-nanna kien triq biss 'il fuq mid-dar l-antika tagħha li kienet saret kbira wisq għaliha. Ma tantx iċċaqalqet. Fl-istess inħawi baqgħet, tisma' l-istess qniepen tal-knisja ta' Stella Maris, did-darba min-naħa l-oħra. U ninnota kif bosta xjuħ li jgħaddu minn quddiemi fuq il-bankini ta' din ir-rokna ta' Tas-Sliema huma wċuħ magħrufa, mit-tfulija tiegħi. Qatt ma ċċaqalqu minn hawn. Kull meta narahom mill-bogħod dawk ix-xjuħ, resqin lejja, tkexkixni l-idea li dawn għadhom jgħixu fl-istess inħawi, aktarx fid-djar l-antiki tagħhom, fatati tad-demm u l-laħam li jippassiġġaw fit-toroq bħalma dejjem għamlu, waqt li jiena, tul dawn l-aħħar tletin sena, kbirt, inbdilt, dort u żfint u tgerbibt, minn bankina għal bankina, minn sodda għal sodda, kamra għal kamra. Ikexkxuni u niggustahom fl-istess ħin. Wara kollox, kienet waħda minnhom li salvatli ħajti dakinhar meta għamiltha ta' kbir u ħriġt ngħum waħdi.

****

Nippenetra l-liżar misterjuż tal-ilma u bħal sikkina naqta' laħam il-baħar sakemm immiss il-qiegħ bil-ponot ta' subgħajja. Inħossni b'saħħti, inħoss li kważi kważi nista' nieħu nifs hemm taħt, fil-ħdura mtappna ċelesti. *The Man from Atlantis*. Dirgħajja bħal ġwienaħ, bħal anġlu taċ-ċomb, intir b'toqol u b'ħeffa tal-għaġeb minn fuq l-art mikul u mbenġel tal-qiegħ, sakemm nibdel id-direzzjoni u nitla' lejn it-tagħmix żejtni tal-wiċċ. Il-qoxra tal-baħar tirrifletti l-qoxra tas-sema. Jitwaħħdu għal mument hekk kif rasi toħroġ u tassorbi l-ewwel nifs taż-żiffa.

Jien u nitla' s-sellum imsaddad tal-pjattaforma, il-memorja li feġġet fija ftit minuti qabel f'nofs ta' baħar tibda tinxtered ma' ġismi kollu, bħal dehxa, u anke snieni jibdew jagħrfu l-ħruxija tal-metall tas-sellum li jobrox mal-ġilda ratba tal-qiegħ ta' saqajja. L-istess metall, l-istess xemx, l-istess sadid, l-istess baħar iqattar minni bħal dakinhar meta tellgħuni nofsni mejjet ... u li nistagħġeb hu kif inhu possibbli li ġrajja daqshekk importanti f'ħajti - kont fuq l-għatba tad-dinja l-oħra wara kollox - kienet għosfrot għal kollox minn moħħi sa dan il-waqt, meta rġajt ftakart fiha. Il-baħar mielaħ, bħat-te ta' Proust. Jista' jkun li dik hi l-mara li salvatli ħajti? Dik li ġieli nara, jew ħierġa mingħand Charlie

tal-growser, jew tippassiġġa max-xatt ma' xi nisa xjuħ oħra, dik l-istess mara li sellimt ftit paragrafi qabel, u li m'għarfitnix? Qed inħoss ġibda qawwija lejha, biex inkellimha, biex nuriha min jien, biex niftakru flimkien.

****

Biex tkun għaddas prim irid ikollok mhux biss spallejn u riġlejn b'saħħithom, iżda wkoll nifs twil. Trid tkun taf żżommu għal minuta jew iktar, mingħajr ma tistordi, mingħajr ma tibża'. Għalhekk, fi tfuliti ġieli kont nipprattika nżomm in-nifs, sakemm kont indum iktar minn minuta u nofs. Id-dar stess, jien u naqbeż fis-sodda, kont nogħdos taħt il-friex u nżomm in-nifs, biex insaħħaħ il-pulmun. Jew jiena u miexi lejn ix-xatt, idi f'id in-nanna, u anke dakinhar, meta ħrabt waħdi, żammejt in-nifs sakemm bdew telgħin quddiem għajnejja ċapep ħomor u vjola, u t-truf tal-vista tiegħi ddallmu.

L-importanti li ma tibqax konxju tal-ħin għaddej meta żżomm in-nifs. Jekk toqgħod issegwi s-sekundiera tal-arloġġ, jew in-numri diġitali dejjem jinbidlu fuq il-polz, m'għandekx ċans iddum iktar minn tletin sekonda. Għaliex il-ħin donnu jieqaf, kull sekonda tibqa' mdendla u biex teqleb għal ta' warajha kważi tħoss li jiċċaqalqlu l-kontinenti. Għalhekk, huwa essenzjali, u ta' tfajjel kont għaraftha sew din ir-regola, li tinsa l-ħin, li tħalli lilek innifsek tiddendel f'limbu ħelu ħelu, mingħajr ħsibijiet itaqqlu moħħok, u forsi mbagħad jitħaffef il-piż ta' pulmun mejjet għal belgħa arja u jittrasforma ruħu fix-xejn. Dik hi l-mira tal-għaddas.

Dik il-mira għadni nħossha, għalkemm m'għadnix iffissat. M'għadnix tifel. Il-fissazzjonijiet tiegħi issa huma differenti, anke jekk meta tanalizzahom daqsxejn tara li fil-fatt huma mwielda mill-istess omm. Għalhekk, meta nidħol fil-lift u nagħfas it-2, nieħu nifs twil 'il ġewwa u nżommu sakemm il-bieb jerġa' jinfetaħ u noħroġ fit-tieni sular u nasal sal-bieb tal-flett tan-nanna, u noħroġ iċ-ċavetta.

****

Jasal mument meta persuna tiskopri li hija b'saħħitha iktar milli kienet taħseb li hi, u jekk dan il-mument jinħataf minn fost oħrajn tinbet ġrajja frott dak il-mument ġerrej li faċli tħallih jiġri 'l hemm bħal kelb mitluf qed ifittex lil sidu. U hekk ġrali ftit jiem wara, meta smajt il-qattus tal-ġar għal darb'oħra jibda l-għanja mnikkta tiegħu, u ħriġt fil-gallarija biex infarrġu ftit bl-isssssssssss tiegħi. Tawwalt 'l isfel fit-triq u rajtha, il-mara li kienet salvatli ħajti. Mingħajr ma naħsibha darbtejn dħalt ġewwa, qbadt il-qmis u ħriġt mill-flett, naqfel

il-buttuni u kważi nitgerbeb fil-karkur jiena u nieżel it-taraġ, mhux imdorri dan l-aħħar għal din l-għaġla febrili. Ilħaqtha fil-kantuniera. Introduċejt ruħi.

Skiet. Bejnietna.

Għall-ewwel tfixklet. U nfxilt. Il-kliem li kelli ngħid għosfru minn moħħi. Bżajt li taħsibni miġnun. Forsi għamilt żball. Forsi mhix hi. Imma ftakret sew li kienet salvat tfajjel mill-għarqa ħafna snin ilu, alavolja lili m'għarfitnix. Minkejja kollox, ma kinitx laqgħa mgħobbija b'wisq emozzjonijiet. Ma kellniex idea kif naqbdu nirreaġixxu ma' xulxin. Kont se naqbdilha idha, ngħidilha "Ċaw" u naħrab 'l hemm, meta stednitni nwassalha sad-dar u nidħol għandha għal kikkra te, biex forsi tiftakar min jien, u bil-mod niftakru flimkien. Ħtaftilha l-baskett mimli laned u ħxejjex u mxejna flimkien sad-dar tagħha. B'pass meqjus, bil-mod ersaqna lejn it-triq fin-niżla fejn darba kienet teżisti d-dar tan-nanna. Kienet kumbinazzjoni kbira din! Id-dar ta' din il-mara kienet biss tliet bibien 'l isfel mill-post fejn darba kien hemm id-dar fejn qattajt is-sjuf ta' tfuliti.

Ridt ngħidilha li darba kienu ġirien hi u nannti, imma bqajt sieket. Ma ridtx ngħarrafha b'kemm konna qrib xulxin aħna t-tnejn, b'kemm kellna affarijiet l-istess. Lil nannti żgur kienet tafha. Wasalna sal-bieb. Fetħitu. Dan kien bieb identiku għal dak li kellha darba n-nanna. Ukoll il-ħoss tal-qanpiena tal-antiporta, l-istess bħal ma ftakartu mid-dar tan-nanna, li b'ċekċika niexfa sejħet mill-profond tal-moħħ it-tifkiriet ta' Malta qadima, li jiena, fit-tfulija tiegħi kemm kemm ilħaqt rajt tieħu l-aħħar nifsiet tagħha. Ħassejtni qed nidħol f'dar li m'għadhiex teżisti, f'dimensjoni oħra, fejn il-passat ma jmutx u oġġetti fiżiċi jibqgħu solidi u sodi, bħal blat li ma jittiklux mill-kurrenti tal-ilma. Talbitni nagħlqilha l-bieb ta' barra. Imbagħad segwejtha sat-taraġ, lil din ix-xiħa zzappap. Ħarist madwari, ħallejt f'idejn għajnejja, li jiftakru iżjed minni, biex ifittxu dawk id-dettalji familjarji mid-dar tal-passat, u meta ma tfaċċawx bi ħġarhom, bdejt inħoss konfużjoni ħafifa, diżorjentazzjoni li ma dejqitnix għal kollox. Ma stajtx niftakar x'kulur kien il-ħajt fl-intrata tad-dar tan-nanna, u l-lewn krema tal-ħajt f'din id-dar ħawwadni. M'iniex qed nispjega ruħi sew. Il-familjari tħallat mal-barrani u l-firda kienet bħal żiffa li ġġib magħha riħa pjaċevoli li taħseb li qatt ma xammejt qabel iżda li hija familjari, u tħawwadlek is-sensi. Fid-dar ta' din ix-xiħa sibt ruħi ġo renju fejn il-memorja kienet ir-reġina iżda kienet bdiet tiżmaga, u tfixkel kollox, u mfixkla ma tistax ma tfixklekx. Segwejtha 'l fuq, tarġa tarġa. Bil-mod tlajniehom dawk it-taraġ, sal-ewwel sular. Ftakart ħesrem li f'rokna minnhom in-nanna kienet qiegħdet ġarra antika tal-fuħħar lewn il-ħamrija. Ġibtha quddiem għajnejja.

Kont ili ma naħseb fiha dik il-ġarra 'l fuq minn għoxrin sena. Smajt xi mkien il-ħoss tan-nifs li kienet tieħu n-nanna stess hi u titlagħhom it-taraġ tagħha, speċjalment hekk kif jien bdejt nikber u nitwal u hi bdiet tbaxxi rasha għat-tmellis bla ħniena tax-xjuħija. Kien l-istess nifs ta' din il-mara xwejħa li issa newwiltilha idi biex iżżomm miegħi hi u titla'. Iżda hi ma riditx l-għajnuna. Waħedha riedet titlagħhom, kif dejjem tagħmel. Dakinhar tletin sena ilu kienet hi li tellgħatni mill-baħar, u qegħditni f'ħoġorha, biċċa ta' tfajjel jitneżża' mill-ġilda tal-ilma baħar iqattar minnu, nifsu maqtugħ, kważi mitluf minn sensih. Issa, minn wara daharha osservajt kif il-bjuda ta' xagħarha kellha mill-fidda iktar minn tan-nanna.

Bilqiegħda fil-gallarija, fejn ħallietni meta marret tagħmel il-misħun, bil-ġnien taħti, ħsibt li xammejt it-tisjir tan-nanna, il-basla tinxtewa, iċ-ċekċik tal-platti ... U tkellimna għal xi siegħa, u sirna ħbieb. Kemm-il darba waqfet tiskanta lejja u tistagħġeb. "Madonna kemm nikbru!" qaltli. "Emminni, iktar nosserva kemm qed itir iż-żmien meta nara żagħżugħ bħalek milli meta nara lili xiħa."

Hadt pjaċir li kienet onesta miegħi, li kienet mara intelliġenti, u mhux sentimentali. Ftaħt qalbi magħha. Dwar nannti - li kienet tafha sew - u dwar il-bidliet li jseħħu u kif inhu għalxejn li tgħum kontra l-kurrent taż-żmien.

"Vera qalbi," qaltli. "Imma isma' waħda ... iż-żmien mhux kurrent tafx? Iż-żmien *gasss*, li jgħosfor. Meta tikber ftit iktar tifhimni."

Ma kellix bżonn nikber ftit iktar. Fhimtha ċar u tond.

Urietni l-ġnien mill-gallarija. Taħtna l-quċċata tas-siġar tal-lumi u tal-larinġ xenglu kemm kemm fiż-żiffa.

Wara, ħallietni nitla' fuq il-bejt waħdi. Kienet wisq għajjiena biex titla' miegħi dawk l-aħħar turġien, u apprezzajt il-ġest li fdatni waħdi. Il-kamra kienet mitluqa u t-trab kien qed jinġema' ġmielu. Kienet ilha ma titla' hawn fuq; ix-xjuħija kienet bdiet tagħmel tagħha. Fi ftit snin, kont naf, mill-esperjenza ta' nannti, ħajjitha kienet se tibda tiċkien u tiċkien, sakemm issib ruħha qed tgħix biss f'kamra waħda, mit-tużżana li kellha, u l-ġnien kien se jitħalla selvaġġ, ġungla u mikrokożmu tat-tberfil tas-senilità.

Minn hemm fuq, minn fuq il-bejt, stajt nara farka baħar minn bejn il-blokkijiet għoljin li kienu telgħu madwar id-dar xwejħa, dar iqsar minn dawn iż-żgħażagħ storbjużi b'faċċati tal-irħam, l-azzar u l-ħġieġ, jisfidaw is-sema biex jinżel għalihom. U meta ħarist 'il fuq għajnejja segwew sħaba ġriża ċara titqalleb fiċ-ċelesti ġdid fjamant tal-firxa mingħajr tikmix tas-sema sajfi u innoċenti.

****

Dakinhar, tard filgħaxija, ix-xemx diġà moħbija wara r-ringiela blokkijiet għoljin ta' fletts max-xatt, għomejt san-naħa l-oħra tal-fliegu, distanza ta' madwar sitt mitt metru, u f'nofs l-għawma ħakmitni għeja kbira. Intlaqt fuq dahri, għajnejja fissi fuq is-sema msaħħab. Il-ġilda mkemmxa tal-baħar ċafċfet ma' ġismi, tmellis pjaċevoli, u għalaqt għajnejja qabel ma ssoktajt ngħum 'il barra, lejn in-naħa l-oħra, lejn fejn kont immirajt dakinhar, meta ta' tfajjel bulì li kont, kont ħrabt mid-dar tan-nanna u mort ngħum waħdi. U din id-darba rnexxieli nasal san-naħa l-oħra, u nintelaq fuq il-blat, ġismi muġugħ, żaqqi titħarrek wara n-nifs mgħaġġel u maqtugħ ta' pulmun mifni.

Bqajt hemm għal nofs siegħa mill-inqas, sakemm ġejt lura f'tiegħi. Imbagħad qomt, u rġajt qbiżt għal rasi, lura għal ġol-baħar, lura għan-naħa l-oħra, għall-pjattaforma tas-siment, għax-xugaman mifrux fuq il-blata tas-soltu.

MALTA
-MAIN LIBRARY-